MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 728/2011

**George Pace sija personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà George Pace Limited**

**vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana li fil-verbal tas-seduta 25 ta' Ottubru, 2012 il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fejn minflok "Il-Kontrollur tad-Dwana" irid jaqra "Direttur Generali (Dwana)" u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' George Pace sija personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà George Pace Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-esponent imexxi negozju ta' cranes u igorr il-merkanzija skond il-kaz u dan kif jigi mitlub mill-klijenti tieghu u/jew min iqabbdu;

Ghall-ahjar tmexxija tan-negozju tieghu, l-esponent dejjem kien u ghadu jixtri 'fuel' ghall-uzu tal-makkinarju tieghu fejn ghas-skopijiet ta' pratticità jahzen l-istess fuel fl-ambjent tan-negozju tieghu;

Bhalma dejjem ghamel fil-passat, l-esponenti kienu xtraw l-fuel necessarju bil-konsegwenza li rcieva zewg (2) dikjarazzjonijiet mid-dwana fejn '*items withheld by customs...pending investigation*' sakemm eventwalment ircieva seizure note: **Dok. 'A', 'B' u 'C'**;

M'hux biss inxtara l-fuel kif dejjem kien jaghmel fil-passat imma hallas l-ammont li kien mitlub. Illi dana kollu l-ufficcjali tad-Dwana issekwestraw sija it-tankijiet tal-esponent u l-fuel

bil-konsegwenza li qed ikollu jirrispondi ghal xi nuqqas ta’ minghand min akkwista u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi;

L-esponenti ikkoperaw bis-shih u taw prova tal-buona fede taghhom imma dana kollu gew notifikati bis-**Seizure Note 52/2011** datat 4 ta’ Lulju, 2011: **Dok. ‘D’**;

L-esponenti huma kompletament estranji ghal dawn il-pretezzjonijiet u ghalhekk qed jikkontestaw kull allegazzjoni fil-konfront taghhom fejn qed jippretendu lura l-affarijiet li ittiehdu la huma taghhom u li gew akkwistati legittimament;

L-esponenti ikkoperaw bis-shih mal-ufficjali tad-Dwana la huma in buona fede.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-affarijiet maqbuda huma l-affarijiet tal-esponenti;

2. Torna lill-intimati jirrilaxxjaw l-affarijiet maqbuda favur l-istess esponenti bhala proprjetarji tal-istess oggetti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimate u b’rizerva ghall-azzjoni ulterjuri skond il-kaz ghad-danni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-kontrollur tad-Dwana u tal-Avukat Generali li in forza taghha gie eccepit illi:

In linea preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 181 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ufficjali tal-esponent eccedew fuq il-post sabiex jaghmlu l-verifiki necessarji wara li kienu nfurmati b'xi irregolaritajiet minn ufficjali fi hdan il-*Malta Resources Authority*. Peress illi meta gew kostatati l-fatti tal-kaz permezz ta' analizi kimici li irrizultaw posittivi, l-esponent hareg in-Nota ta' Qbid numru 52/2011 li permezz taghha inqabdu 1,050 litru ta' gasoil minghand ir-rikorrent. Ghalhekk, peress li kien hemm ksur tal-Artikoli 60 u 62 tal-Kap. 37 kif ukoll tal-Artikoli 16 u 17 tal-Kap. 382, l-imsemmija Nota ta' Qbid ghandha tigi konfermata fl-effetti kollha taghha;

Mill-analizi kimici irrizulta li l-*gasoil* maqbud minghand ir-rikorrenti hu *gasoil* li kien qieghed fil-pussess tar-rikorrent bi ksur tal-ligi stante li fost ohrajn, kellu kontenut ta' kubrit sebgha darbiet ghola minn dak stipulat mill-ligi apparti li nstab l-indikatur maghruf bhala *solvent yellow* li jindika li l-*gasoil* kien biss ghall-uzu marittimu li certament ma japplikax ghall-kaz odjern. Ghalhekk dan il-*gasoil* hu suggett ghall-qbid, irrispettivament mill-provenjenza tieghu;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontrih.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa lilhom konsenja ta' "fuel" maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija li l-Avukat Generali ma messux gie mharrek f'dawn il-proceduri. L-Art. 181B tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u flazzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali ssir bla ħlas lir-reġistratur."*

Fic-cirkostanzi ghaldaqstant il-Qorti tqis misthoqqa l-eccezzjoni u, tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar il-mertu, jirrizulta illi fit-28 ta' Marzu 2011 saret spezzjoni gewwa Pace Garage, proprjetà tar-rikorrenti u gew elevati minn hemm kampjuni ta' karburant, dan bil-ghan li tigi stabbilita il-konformità tal-istess mar-regolamenti vigenti dwar kubrit fid-diesel. Minn ezamijiet xjentifici li saru fuq dawn il-kampjuni, irrizulta li l-livell ta' kubrit fil-karburant kien seba' darbiet oghla minn dak permess. Sussegwentement id-Dipartiment tad-Dwana fuq ordni tal-kontrollur, qabad il-hazna kollha. Dan kollu huwa konfermat bir-rizultati xjentifici esibiti in atti (fol. 41 u fol. 48) u x-xhieda mhux kontradetta kemm tar-rapprezentanti tad-Dipartiment tad-Dwana kif ukoll tal-Laboratorji fejn gew ezaminati l-kampjuni mehuda.

Ikkunsidrat illi Reg. 5 tal-Regolamenti tal-2008 dwar il-kwalità tal-karburanti fl-2011 kien jipprojbixxi l-uzu ta' diesel b'kontenut ta' kubrit li kien jaqbez il-0.001% bil-massa (10ppm). Fil-kaz in ezami jirrizulta pruvat illi l-livell ta' kubrit fil-hazna ta' karburant ezaminata kien ta' 0.007% u cioe' seba' darbiet akbar minn dak permess, (ara dokument a fol. 48) dan konfermat bil-gurament mill-istess tekniku ta' Saybolt Laboratories fejn saru t-testijiet (ara fol. 49).

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-oggetti maqbuda gew hekk maqbuda regolarment skond il-ligijiet u regolamenti vigenti ghas-settur partikolari u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti m'humiex misthoqqa kif diretti lejn il-kontrollur tad-Dwana. Dan ma jeskludix li l-istess rikorrenti, li jsostni li xtara l-karburant regolarment, ma jistax possibilment jirrikorri lejn il-persuna li minghandha xtara.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju u filwaqt, li tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------